**26 ta' Ġunju, 1964.**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**
**Onor. A. Gauci Maistre, LL.D.**

Giuseppina armla minn Giuseppe Ciancio pr. et ne.

*versus*

Michele Buontempo

## RESA TA' KONTIJIET — VALUR TAL-ĠUDIKAT. KAP TAL-ISPEJJEŻ

*La darba parti tkun ġiet kundannata b'sentenza tirrendi kont għat-tmexxija ta' negozzju għal żmien determinat, dak jiffurma ġudikat u l-Qorti ma tistax tiddipartixxi minnu.*

*Il-profitti ta' negozju jistgħu jiġu kalkulati fuq il-profitti ta' negozji oħra ta' l-istess ġeneru għall-istess żmien.*

*Jekk il-parti tikkalkula perijodu ta' żmien wisq itwal minn dak li għalih kien intitolat jitlob il-kont, huwa għandu jħallas parti proporzjonata mill-ispejjeż tal-kawża.*

Il-Qorti:— Rat l-att ta' ċitazzjoni quddiem il-Qor[illegible] Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih [illegible] prio et nomine" — wara li ppremettiet illi b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-għoxrin ta' Jannar, 1956, fil-kawża fl-istess ismijiet fuq indikati, b'konferma tas-sentenza ta' din il-Qorti tas-sbatax ta' Mejju, 1955, il-konvenut ġie kkundannat sabiex, fi żmien xahar, jirrendi kont eżatt tat-tmexxija u amministrazzjoni tan-negozju magħruf bħala

"Ciancio Photo Studio" u "Oxford Studio" f'Raħal il-Ġdid, liema negozju kien jappartjeni kwantu għan-nofs lill-imsemmi Giuseppe Ciancio, żewġ l-attriċi, u missier u awtur tal-fuq imsemmija wliedu, u dana mid-data tal-mewt ta' l-istess Giuseppe Ciancio li ġrat fit-tmienja u għoxrin ta' Mejju, 1948, — u li l-konvenut ippreżenta lill-attriċi 'proprio et nomine' d-dokument prodott ma' l-istess att ta' ċitazzjoni markat bl-ittra "B" li, pero, bl-ebda mod ma jista jitqies li jikkostitwixxi l-kont li hu ġie kkundannat li jagħti u għalhekk għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi għandu jitqies illi l-istess konvenut naqas milli jippreżenta kont fiż-żmien li ġie lilu prefiss fis-sentenza predetta, b'mod illi din il-Qorti tista liberament tippermetti lill-attriċi 'proprio et nomine' li tispeċifika, okkorrendo bil-ġurament tagħha, is-somma li għandha tieħu mingħandu — u li, kif jirriżulta mill-provi rakkolti fil-kawża "Giuseppina Ciancio kontra Giuseppe Ciancio", ċeduta quddiem il-Prim' Awla Ċivili fit-tlettax ta' Mejju 1948, l-imsemmi ħanut kien jirrendi profitti netti ta' żewġ liri (£2) kull jum, li minnhom lira (£1) kull jum tispetta lill-attriċi 'proprio et nomine', b'mod li għall-perijodu li kellu jiġi kopert fil-kontijiet li l-konvenut kellu jippreżenta, jiġifieri mit-tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju, 1948, sal-għoxrin (20) ta' Jannar, 1956, data tal-predetta sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, il-profitti dovuti lill-istess attriċi 'proprio et nomine' jammontaw għal elfejn seba mija u sittin lire (£2,760) — talbet:

Illi jiġi dikjarat u deċiż li d-dokument "B" fuq imsemmi, preżentat mil-konvenut in segwitu għas-sentenza fuq imsemmija tal-għoxrin (20) ta' Jannar, 1956 ma jikkostitwiex il-kont illi l-istess konvenut ġie kkundannat jagħti lill-istess attriċi 'proprio et nomine' b'dik is-sentenza u li, konsegwentement, il-konvenut ma ppresenta ebda rendikont fit-terminu lilu mpost ta' xahar;

Illi tiġi ammessa tiddetermina bil-ġurament tagħha l-ammont lilha dovut mill-konvenut fis-somma ta' elfejn seba' mija u sittin lira (£2,760), jew, alternativament, li jiġi determinat mill-Qorti dana l-ammont, okkorrendo bl-opra ta' periti, in bażi għar-riżultanzi proċesswali;

Illi l-konvenut jiġi kkundannat iħallas lilha, 'proprio et nomine' l-ammont fuq imsemmi ta' elfejn, seba' mija u sittin lira (£2,760) jew kull ammont ieħor li jiġi stabbilit mill-Qorti għal-finijiet tat-talba preċedenti.

Bl-ispejjeż u salvi d-drittijiet tagħha 'proprio et nomine' għal rendikont għa'l-perijodu ta' wara d-data ta' l-imsemmija sentenza u dak mit-tnejn u għoxrin ta' Mejju, 1948, 'l hemm, u salv ukoll kull dritt fuq il-għodod u strumenti fotografiċi u affarijiet oħra ġja appartenenti lill-imsemmi Giuseppe Ciancio.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha ssottometta illi hu, kif dejjem ġie rilevat f'diversi kawżi li l-attriċi għamlet kontra tiegħu, qatt ma kellu x'jaqsam mat-treġija ta' li "Studio" fuq imsemmi, u għalhekk, bl-għajnuna ta' ibnu Amodeo Buontempo, li kien dejjem jiġġestixxi dak li "Studio", ipprepara l-kont tat-tmexxija u amministrazjoni ta' dak in-negozju in ottemperanza tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-għoxrin ta' Jannar, 1956, kont li hu bagħat lill-attriċi fl-għoxrin ta' Frar, 1956, u għad li dan il-kont hu passiv, l-attriċi ma tistax tallega li mhux eżatt u preċiż.

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-tmientax ta' Novembru, 1958, li biha ġie deċiż adesivament għall-ewwel talba ta' l-attriċi 'proprio et nomine' bl-ispejjeż kontra l-konvenut, u, riferibilment għat-tieni talba, ġie nominat il-kom-

putista Arthur Craig sabiex jagħmel il-kont li l-konvenut kellu jagħti lill-attriċi in forza tas-sentenza fuq riferita ta' dik il-Qorti tas-sbatax ta' Ġunju, 1955 konfermata bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-għoxrin ta' Jannar, 1956, u sabiex jistabilixxi, jekk ikun il-każ, skond l-istess sentenza, is-somma dovuta lill-attriċi, u ġiet riservata d-deċiżżjoni dwar it-tielet talba għal wara li tkun ġiet deċiża t-tieni talba.

Rat ir-relazzjoni tal-perit maħlufa fis-sittax ta' Ottubru, 1952 u l-verbali tas-seduti quddiem il-perit miġjubin ma' l-istess relazzjoni.

Rat is-sentenza ta' l-istess Qorti tat-tnax ta' Marzu, 1963 li biha ddeċidiet dwar it-tieni talba billi stabbiliet fis-somma ta' tmien mija u tmientax il-lira u għaxar xelini (£818.10.0) l-ammont dovut mill-konvenut lill-attriċi "proprio et nomine", u, fuq it-tielet talba billi kkundannat lill-istess konvenut iħallas lill-istess attriċi "proprio et nomine" l-imsemmija somma ta' tmien mija u tmientax-il-lira u għaxar xelini (£818.10.0).

Ordnat illi l-ispejjeż kollha tal-kawża u relativi — barra dawk ġa deċiżi bid-deċiżżjoni ta' dik il-Qorti tat-tmientax ta' Novembru, 1958, ġa fuq rekordata — jitħallsu mill-konvenut.

Salvi "si et quatenus", fuq l-għodod u strumenti fotografiċi u affarijiet oħra msemmijin fl-att ta' ċitazzjoni, u kull azzjoni għal rendikont għal żmien sew qabel mill-mewt tar-raġel ta' l-attriċi sew wara t-tmienja ta' Ġunju, 1951 — wara li kkunsidrat:

Illi — kif ġja ġie rilevat fl-imsemmija sentenza ta' din

il-Qorti mogħtija f'din il-kawża fit-tmientax ta' Novembru, 1958, li biha ġie deċiż għat-tenur ta' l-ewwel talba ta' l-attriċi u ġie mogħti l-aċċennat provvediment riferibilment għat-tieni talba — żewġ l-atriċi u l-konvenut kienu jeserċixxu in soċjeta l-istudju fotografiku fuq riferit u li skrittura in data sitta u għoxrin ta' Settembru, 1946, ittermi-naw — b'effett minn dik id-data — l-imsemmija soċjeta; qasmu bejniethom il-profitti, u ddikjaraw li ma kellhomx aktar ebda pretensjoni oħra kontra xulxin in riguard ta' dik is-soċjeta u li kull ma kien jeżisti fl-istess studju foto-grafiku kellu jappartjeni, mingħajr ebda eċċezjoni, lill-kon-venut Buontempo, u r-raġel ta' l-attriċi stqarr illi ma kel-lux iżjed interess f'dak l-istess studio li kellu jibda jitqies ta' proprjeta eskiusiva tal-konvenut. Din l-iskrittura ġiet dikjarata nulla b's-sentenza fuq riferita ta' din il-Qorti tas-sebgħa u għoxrin ta' Lulju, 1950, għaliex magħmula in fro-de tad-drittijiet ta' l-attriċi u din is-sentenza ġiet konfer-mata mill-Qorti ta' l-Appell tal-Maesta Tagħha r-Reġina b'sentenza tal-għoxrin ta' Novembru 1950. In segwitu għad-dikjarazjoni tan-nullita ta' l-imsemmija skrittura, il-kon-venut, fuq talba ta' l-attriċi, ġie kkundannat jirrendilha kont eżatt tat-tmexxija u amministrazzjoni minnu ġestita tan-negozju fuq imsemmi mid-data tal-mewt ta' l-imsemmi żewġha — li ġrat fit-tnejn u għoxrin ta' Mejju, 1948, — 'l hawn, u dan b'sentenza ta' din il-Qorti tas-sbatax ta' Mej-ju, 1955 li ġiet konfermata b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-għoxrin ta' Jannar, 1956. Iż-żmien li fih il-konvenut kel-lu jirrendi l-kont ġiet stabbilit f'xahar dekorribbli mid-data tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell;

Illi bl-imsemmija sentenza li din il-Qorti tat f'din il-kawża fit-tmientax ta' Novembru, 1958, ġie ritenut li l-kon-venut ma uniformax ruħu għall-kundanna minnu subita bl-imsemmija sentenza ta' din il-Qorti tas-sbatax ta' Marzu,

1955, billi d-dokument li hu pprezenta lill-attrici, u li hu semma "Rendikont approssimativ ta' l-amministrazzzjoni ta' li studju fotografiku in kwistjoni sal-mewt ta' Giuseppe Ciancio" mhux il-kont li kien ġie kundannat jagħti, u għalhekk ġiet milqugħa l-ewwel talba ta' l-attriċi f'din il-kawża, u, riferibilment għat-tieni talba, billi l-Qrati tagħna rritenew illi l-poter konċess mil-liġi lill-awtorita ġudizjarja bl-artikolu 394 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, li tippermetti lill-parti li tkun talbet il-kont li tispeċifika, imqar b'ġurament, is-somma li għandha tingħata meta min għandu jagħti l-kont ma jippreżentahx fiż-żmien stabbilit, m'għandux jiġi eserċitat jekk jirriżulta li mhix impossibbili kull prova oħra biex jiġi determinat aħjar l-ammont dovut mingħand min hu tenut li jirrendi kont, ġie provdut għan-nomina ta' komputista sabiex bħala perit fil-kawża, il-kont jagħmlu huwa;

Illi dak il-perit, fl-imsemmija relazjoni tiegħu, issottometta, b'konklużjoni għar-riċerki u għall-istudju li għamel, illi, "fl-assenza tal-kotba kummerċjali (almenu sempliċissimi), dokumenti jew provi oħrajn, mhux possibbili li hu jistabilixxi somma dovuta lill-attriċi varjabbili mill-provi rakkolti fil-kawża "Giuseppina Ciancio vs. Giuseppe Ciancio" — tal-Prim' Awla, Qorti Ċivili, ċeduta fit-tlettax ta' Mejju, 1948, — u li l-konvenut ma rnexxilhux jwaqqa dawn il-provi;"

Illi l-kawża, li fiha hemm il-provi li għalihom għamel ċenn il-perit, kienet kawża ta' separazzjoni li l-attriċi kienet istitwiet kontra żewġha u fiha, b'digriet tat-tnax ta' Marzu, 1946, kienet rebħet bħala alimenti provviżorji s-somma ta' erba' liri u nofs (£4.10.0) fil-ġimgħa, konsidrat il-fatt — fost fatti oħra — li mill-provi kien irriżulta li żewġha kien jaqla ċirka tletin lira (£30) fix-xahar. Dak

id-digriet ġie appellat; iżda ġie konfermat fit-tlettax ta' Mejju, 1946, in konsiderazjoni tal-kondizjoni soċjali ta' żewġ l-attriċi u l-qliegħ li kellu min-negozju tiegħu;

Illi, kif ġie rilevat fl-imsemmija sentenza ta' din il-Qorti tas-sebgħa u għoxrin ta' Lulju, 1950, kien minn dak id-digriet li "beda l-interess ta' Giuseppe Ciancio (żewġ l-attriċi), li kien qiegħed jevadi bi kwalunkwe mod li jmantni lil martu u lil uliedu, illi jagħmel xi ħaġa biex jinnewtralizza l-attijiet esekutivi li setgħet tagħmillu l-attriċi biex tagħti esekuzjoni lid-digriet fuq imsemmi," u għalhekk hu għamel l-iskrittura msemmija fl-ewwel paragrafu tal-parti razzjonali ta' din is-sentenza li biha koxjentement għamel ħsara lill-attriċi u lil uliedu billi, fil-waqt li kellu negozju li bih kien qiegħed jagħmel profitti "mhux traskurabbili", b'dik l-iskrittura "svesta ruħu minn kollox u ħalla l-avvjament u l-klijentela lil sieħbu, bla ma (almenu apparentement) ħa xejn" u bl-istess sentenza tas-seba' u għoxrin ta' Lulju, 1950 — konfermata fl-Appell b'sentenza tal-għoxrin ta' Novembru, 1950, — ġie wkoll ritenut li kien hemm il-"participatio fraudis" tal-konvenut Buontempo u għalhekk dik l-iskrittura ġiet dikjarata nulla u bla effett.

Illi l-prova li żewġ l-attriċi kien qiegħed jagħmel profitti "mhux traskurabbili" tirrisulta, kif ġja aktar fuq ġie aċċennat, mill-kawża fejn ġie mogħti l-imsemmi digriet ta' l-alimenti provviżorji favur l-attriċi u wliedha.

F'dik il-kawża żewġ l-attriċi stess xehed fid-disa' ta' Marzu, 1946, li fl-aħħar xahrejn qala sittin lira (£60) u li dawk is-sittin lira kienu qliegħ, jiġifieri profitti — evidentement sehmu mill-profitti li saru bl-eserċizju ta' li "studio" fotografiku fuq riferit — u kien għalhekk illi l-perit ġudizzjarju fl-imsemmija relazjoni tiegħu semma l-qliegħ ta' lira

(£1) kull jum netti meta kiteb illi fil-fehma tiegħu ma hemmx "prova biżżejjed biex tinnega l-qliegħ ta' lira (£1) kull jum netti kif xehed Giuseppe Ciancio fil-Qorti Ċivili fid-disgħa ta' Marzu, 1946".

Illi bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-għoxrin ta' Jannar 1956 (ġja fuq rikordata) ġiet konfermata s-sentenza ta' din il-Qorti tas-sbatax ta' Mejju, 1955, li kienet iddeċidiet adesivament għall-istanza in bażi għall-azzjoni — qalet il-Qorti ta' l-Appell fl-imsemmija sentenza tagħha — li nħolqot mill-istat ta' komunjoni, u l-istanza kienet li l-konvenut "jġi kkundannat sabiex fi żmien qasir u perentorju" — li fis-sentenza ġie stabbilit f'xahar — jirrendi kont eżatt tat-tmexxija u amministrazjoni minnu ġestita tan-negozju magħruf bħala "Ciancio Photo Studio" u "Oxford Studio" f'Pawla Square, Raħal-il-Ġdid; liema negozju kien jappartjeni kwantu għan-nofs lill-mejjet Giuseppe Ciancio, u dan mid-data tal-mewt ta' Giuseppe Ciancio li ġrat fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Mejju, 1948, 'l hawn." L-istanza ġiet magħmula fid-disgħa ta' Ġunju, 1951. Peress li s-sentenza tiddikjara, ossija ma tikkreax jew tikkostitwixxi d-drittijiet, imma biss tirrikonoxxihom, l-effett tagħha jirrisali, bħala regola, għall-jum tad-domanda.

Illi għalhekk il-konvenut kellu skond l-imsemmija sentenzi, jirrendi kont mit-tnejn u għoxrin ta' Mejju, 1948, sat-tmienja ta' Ġunju, 1951. Huwa ma rrendiehx u l-attriċi invokat favur tagħha d-disposizzjoni kontenuta fl-artikolu 394 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Il-Qorti dehrilha li l-ammont dovut mill-konvenut jista jiġi stabbilit aħjar permezz ta' perizja u nnominat l-imsemmi komputista ħalli jagħmel hu l-kont li l-konvenut kellu jirrendi skond l-imsemmijin sentenzi. Dak il-komputista wasal għall-konklużżjoni li ma setax jasal biex jistabilixxi somma "varjabili"

— wieħed għandu jifhem "divers" — minn dik risultanti mill-provi rakkolti fl-imsemmija kawża ta' separazjoni. Skond dawn il-provi s-sehem mill-profitti netti spettanti lil żewġ l-attriċi kien ta' lira (£1) kull jum (nofs żewġ liri), ossija tletin lira (£30) fix-xahar, u kwindi, għall-perijodu fuq imsemmi (mill-mewt ta' Giuseppe Ciancio sal-jum li fih saret l-istanza) is-sehem mill-profitti spettanti lil żewġ l-attriċi kien ikun ammonta komplessivament għas-somma ta' elf u ħamsa u disgħin lira (£1,095), kieku ma kellhomx jitqiesu ċerti ċirkostanzi li fil-fehma tal-Qorti għandhom jiġu kunsidrati, u ċioe l-fatt li meta l-qliegħ kien ta' żewġ liri (2) kull jum, li minnhom lira (£1) kull jum kienet tispetta lil żewġ l-attriċi; dana kien jaħdem fin-negozju billi jagħti l-opera tiegħu teknika, u allura wieħed għandu raġonevolment jaħseb illi meta r-raġel ta' l-attriċi miet, biex ikunu jistgħu jittieħdu bħala kalkolu l-imsemmijin profitti, hemm bżonn li jiġi kunsidrat l-impieg insomma il-ħtieġa ta' persuna teknika u s-salarju tagħha jew il-kumpens relativ għandu jiġi dedott fl-imkien ma' l-ispejjeż l-oħra biex joħroġ il-bilanċ attiv nett rappresentanti l-profitti. Mid-depo-sizzjoni ta' Anthony Blackman fil-kawża ta' separazzjoni fuq imsemmija jirriżulta li meta hu ħaddem — naturalment bħala tekniku — lil żewġ l-attriċi, ħallsu bit-tlett liri u nofs (£3.10.0) fil-ġimgħa u din iċ-ċiffra tista kwindi tiġi meħuda bħala bażi tal-kalkolu tal-kumpens li allura kien jitħallas għax-xogħol tekniku bħal dak tar-raġel ta' l-attriċi. Dan il-ħlas ta' tlett liri u nofs (£3.10.0) fil-ġimgħa jġib mija u tnejn u tmenin lira (£182) fis-sena, u, kwindi, ħames mija u tlieta u ħamsin lira (£553) għall-perijodu kollu fuq imsemmi bejn il-mewt tar-raġel ta' l-attriċi u l-jum ta' l-istanza da parti ta' l-istess attriċi għar-rendikont in parola. Din is-somma ta' ħames mija u tlieta u ħamsin lira għandha tonqos mill-profitti t' żewġ liri (£2) kull jum, li kien jirrendi n-negozju, jiġifieri mis-somma ta' elfejn mija u

disgħin lira (£2,190) għall-imsemmi perijodu u jibqa bilanċ ta' elf sitt mija u sebgħa u tletin lira (£1,637) li diviż bi tnejn, iġib is-sehem ta' l-attriċi fis-somma ta' tmien mija u tmientax-il-lira u nofs (£818.10.0);

Illi, kunsidrat dak kollu li ntqal, ma jidherx li tkun ħaġa xierqa li l-Qorti tippermetti lill-attriċi li tispeċifika hi fis-somma li ġiet minnha ndikata fl-att ta' ċitazzjoni s-somma li għandha tiġi lilha mogħtija mill-konvenut, meta evidentement għandha tiġi stabbilita f'somma iżgħar minħabba ż-żmien, skond l-imsemmijin sentenzi, u tista tiġi stabbilita aktar ekwament bl-għajnuna, għalkemm żgħira ħafna, tal-perizja, tal-provi rakkolti fil-kawża tas-separazjoni fuq riferita, u l-"arbitrio boni viri" tal-ġudikant.

Rat in-nota li biha l-konvenut appella mill-imsemmija sentenza tat-tnax ta' Marzu, 1963 u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li tiġi revokata billi jiġu miċħuda t-tieni u t-tielet talba taċ-ċitazzjoni u, alternattivament, fil-każ illi dawk it-talbiet ma jiġux miċħuda l-imsemmija sentenza tiġi riformata fil-kap ta' l-ispejjeż billi jiġi ordnat li l-ispejjeż jitħallsu skond it-telf u rebħ rispettiv bejn il-partijiet bl-ispejjeż.

Rat ir-risposta ta' Salvina Amelia mart Joseph Cachia minnu assistita, u Enrico aħwa Ciancio u dik ta' Giuseppina Ciancio għan-nom proprju u bħala kuratriċi ta' binha Arturu li bihom qalu illi s-sentenza appellata hi ġusta u għandha tiġi konfermata bl-ispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat—

It-talbiet fiċ-ċitazzjoni ta' l-atturi (issa appellati) f'din il-kawża kienu tlieta.

Fl-ewwel wahda huma talbu li jiġi dikjarat u deċiż illi d-dokument 'B' ippreżentat mill-konvenut (issa appellant) in segwitu għas-sentenza ta' din il-Qorti ta' l-għoxrin ta' Jannar, 1956 fil-kawża "Giuseppina arm'a ta' Giuseppe Ciancio pr. et noe vs. Michele Buontempo" ma jikkostitwiex ir-rendikont li b'dik is-sentenza hu ġie kkundannat li jirrendi u li, konsegwentement, hu ma ppreżenta ebda rendikont fit-terminu lilu mpost ta' xahar.

Bit-tieni domanda, l-appellati talbu illi huma jiġu ammessi li jiddeterminaw bil-ġurament tagħhom l-ammont lilhom dovut mill-appellant fis-somma ta' elfejn, seba' mija u sittin lira (£2,760) jew, alternattivament, li dan l-ammont jiġi determinat mill-Qorti, jekk hemm bżonn permezz ta' periti nominati skond ir-riżultanzi proċesswali.

It-tielet domanda kienet diretta għall-kundanna ta' l-appellant għall-ħlas ta' dak l-ammont ta' elfejn, seba' mija u sittin lira jew kwalunkwe ammont ieħor fissat mill-Qorti skond it-tieni talba.

Issa l-ewwel talba ġiet milqugħa bis-sentenza ta' l-ewwel Onorabbili Qorti tat-tmientax ta' Novembru, 1958. Minn dik is-sentenza l-appellant ma appellax, la qabel is-sentenza tat-tnax ta' Marzu, 1963 u l-anqas flimkien ma l-appell minn din l-aħħar sentenza u għalhekk, dwar dik l-ewwel talba issa ma hemm ebda kwistjoni f'dan l-appell. Vwoldiri llum huwa definitivament stabbilit bejn il-partijiet illi l-appellant naqas li jirrendi kwalunkwe kont kif kien obbligat u kien għalhekk meħtieġ illi l-ammont dovut lill-appellati jiġi determinat b'wieħed miż-żewġ modi mitlubin fit-tieni domanda.

Bis-sentenza tat-tnax ta' Marzu, 1963, issa appellata, ġie finalment eskluż l-ewwel wieħed minn dawk iż-żewġ

modi, ċioe il-ġurament estimatorju ta' l-appellati għall-ammont ta' elfejn seba mija u sittin lira (£2,760) u, inveċe l-ammont dovut lill-appellati ġie likwidat mill-ewwel Onorabbli Qorti skond it-talba alternativa fis-somma ta' tmien mija u tmientax-il-lira u nofs (£818.10.0), u, f'dan is-sens, ġiet milqugħa t-tieni domanda ta' l-appellati.

It-tielet domanda tagħhom ġiet milqugħa, wkoll fl-alternativa, fis-sens illi l-appellant ġie kkundannat iħallas lilhom l-ammont ta' tmien mija u tmientax-il-lira u nofs (£818.10.0) hekk likwidat.

L-ispejjeż kollha tal-kawża u relativi ġew karikati fuq l-appellant.

Skond iċ-ċitazzjoni, il-perijodu li għalih l-appellati p-pretendew li l-appellant kien obbligat u naqas li jirrendi l-kont, kien iż-żmien kollu mit-tnejn u għoxrin ta' Mejju 1948 — data tal-mewt ta' Giuseppe Ciancio — sal-għoxrin ta' Jannar 1956, data ta' l-imsemmija sentenza ta' din il-Qorti li biha r-rendikont ġie ordnat. Il-kalkolu estimatorju ta' Jannar, 1956, data ta' l-imsemmija sentenza ta' din il-jgħmlu inkella, alternativament il-likwidazzjoni ta' dak l-ammont mill-Qorti, kellhom skond il-petensjoni tagħhom jirriferixxu u jkopru dak il-perijodu kollu. Inveċe, bis-sentenza appellata l-ewwel Onorabbli Qorti rreteniet illi dak il-perijodu kien biss iż-żmien mit-tnejn u għoxrin ta' Mejju, 1948 sat-tmienja ta' Ġunju, 1951, lejliet id-data li fiha kienet ġiet inoltrata ċ-ċitazzjoni eventwalment deċiża finalment bl-imsemmija sentenza ta' din il-Qorti ta' l-għoxrin ta' Jannar 1956 — biss għamlet riżerva favur l-appellati għal kull żmien sew qabel il-mewt ta' Giuseppe Ciancio kemm wara t-tmienja ta' Ġunju, 1951.

L-ewwel Onorabbli Qorti kkalkolat illi, anki fuq il-

parir tal-perit komputista nominat minnha, illi n-negozju in kwistjoni għall-perijodu hawn fuq imsemmi, kellu jitqies li kellu profitt nett ta' żewġ liri (£2) kulljum li minnhom nofshom, ċioe lira (£1) kull jum jew tletin lira (£30) fix-xahar kienu jmissu lill-appellati bħala aventi kawża ta' Giuseppe Ciancio għall-perijodu kollu, elf u ħamsa u disgħin lira (£1095). Minn dan l-ammont kellha pero tonqos nofs is-somma ta' ħames mija u tlieta u ħamsin lira (£553) meqjusa bħala li kienet meħtieġa li tiġi nkorsa għall-impieg ta' persuna teknika flok Giuseppe Ciancio bil-paga ta' tlett liri u nofs (£3.10.0) fil-ġimgħa ossija mija u tnejn u tmenin (£182) fis-sena. Għalhekk l-ammont dovut lill-appellati għall-imsemmi perijodu kif kalkolat mill-ewwel Onorabbli Qorti kien ta' tmin mija u tmientax il-lira u nofs (£818.10.0) kif ġa ntqal.

Il-bażi li fuqha ġie kalkolat il-profitt ta' żewġ liri (£2) kull jum għan-negozju in kwistjoni kienet ix-xhieda li Giuseppe Ciancio kien ta' fid-disgħa ta' Marzu 1946 fil-kawża ta' separazzjoni personali, li allura kien hemm pendenti bejn l-appellati Giuseppina Ciancio u bejnu u li ġiet eventwalment ċeduta quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha fit-tlettax ta' Mejju, 1948. Hawnhekk hu kien qal illi jikkalkola illi fl-aħħar xahrejn (qabel id-data li fiha xehed) hu qala sittin lira (£60) u żied jgħid illi mill-istabbiliment hu jikkalkola li kien jaq'a lira kull jum u mhux aktar.

Kellha tittieħed din il-bażi ta' kalkolu għaliex — irrileva l-perit komputista u qalet l-ewwel Onorabbli Qorti — ma kienx hemm la kotba jew dokumenti oħra tan-negozju u l-anqas provi oħra li kienu juru kemm effettivament kien il-qliegħ.

Issa l-appellant jilmenta minn dan il-kalkolu għad-di-

versi raġunijiet elenkati fl-petizzjoni ta' l-appell, li ġew ukoll elaborati fit-trattazzjoni orali. Fl-ewwel lok l-appellant jissottometti illi jekk stess kien veru dak li kien xehed Giuseppe Ciancio kif ntqal fuq, iż-żmien li għalih hu rriferixxa kien żmien ta' abbundanza u nfieq addoċċ meta kien hawn l-Eight Army hawn Malta mentri fil-perijodu rilevanti għal din il-kawża (1948-1951) l-infieq kien naqas. Barra minn dan — jgħid l-appellant — għalkemm legalment, in vista tal-ġudikat li bih l-iskrittura tax-xoljiment tal-assoċjazzjoni ġiet ritenuta nulla, dik l-assoċjazzjoni bejn l-appellant u Giuseppe Ciancio baqgħat teżisti, fil-fatt u mill-lat finanzjarju, in-negozju tagħha bħala assoċjazzjoni spiċċa għaliex Ciancio li kien is-soċju Tekniku u espert ma baqax jaħdem fl-istabbiliment u dan baqa biss ġestit minn bin l-appellant, Amadeo Buontempo li kien jagħmel xogħol ta' dilettanti għak-kont personali tiegħu.

Hawn il-Qorti tixtieq tirrileva minnufih — anki biex ma jkunx hemm ekwivoċi fil-każ li jkun hemm kawżi oħra fil-futur — illi l-eżistenza u l-ispettanza ta' l-assoċjazzjoni fl-istabbiliment in kwistjoni għall-perijodu li għalih kellu jiġi reż il-kont, m'humiex in diskussjoni f'din il-kawża. Tant il-partijiet kemm din il-Qorti huma marbutin dwar dik il-kwistjoni mill-ġudikat kostitwit mis-sentenza ta' din il-Qorti fuq imsemmija ta' l-għoxrin ta' Jannar, 1956, konfermanti s-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tal-Maesta Tagħha tas-sbatax ta' Mejju, 1955, li biha l-appellant ġie kkundannat li jirrendi l-kont, fuq l-assunt illi l-assoċjazzjoni bejn Giuseppe Ciancio u l-appellant baqgħat teżisti bħala ndiviżżjoni għal dak iż-żmien u l-istabbiliment baqa jappartjeni kwantu għal nofs lill-appellati, nonostante li Ciancio kien miet. Fil-waqt illi b'dawk is-sentenzi ġie rite-

nut illi Soċjeta kontratta "intuitu personae" tiġi xjolta bilmewt ta' xi wieħed mis-soċi, ġie ukoll ritenut illi dan ix-xjoljiment ibiddel ir-rapporti soċjali fi stat ta' indiviżżjoni bejn is-soċi u s-soċjeta tibqa teżisti għall-finijiet tal-likwidazzjoni li f'sens lat tikkomprendi l-operazzjonijiet kollha posterjuri għax-xjoljiment tas-soċjeta neċessarji għaddefinizzjoni ta' l-affarijiet mibdija u għall-ħlas tad-debiti, għar-riskussjoni tal-krediti u għad-determinazzjoni ta' l-attiv u f'sens aktar ristrett u aktar ġuridiku, tikkomprendi dawk l-operazzjonijiet kollha li jsiru fil-perijodu intermedju bejn ix-xoljiment u l-formazzjoni tal-massa diviżibbli bejn is-soċi. Fis-sentenza ta' l-Appell intqal illi s-soċjeta tibqa teżisti limitatament għall-finijiet tar-regolament u definizzjoni tar-rapporti bejn is-soċi jew l-eredi tagħhom.

Ga la darba b'dawk is-sentenzi l-appellant ġie kundannat jirrendi kont tat-tmexxija u l-amministrazzjoni ġestita minnu tan-negozju in kwistjoni għaż-żmien mill-mewt ta' Giuseppe Ciancio saċ-ċitazzjoni f'dik il-kawża, għandu jitqies li ġie kunsidrat illi dak in-negozju baqa ndiviż bejn l-appellant u l-appellati aventi kawża minn Giuseppe Ciancio, għal dak iż-żmien — liema żmien prezumibilment ġie kkunsidrat li jidħol fil-perijodu meħtieġ għall-finijiet limitati, kif ingħad fihom, "tal-likwidazzjoni" u "tar-regolament u definizzjoni tar-rapporti" bejn il-partijiet.

F'dawk il-limiti dak il-ġudikat huwa vinkolanti u din il-Qorti ma tistax tiddipartixxi minnu. Kwindi ma tistax tesawdixxi l-ilment fuq imsemmi ta' l-appellant illi matul dak iż-żmien, l-istabbiliment kien ta' u kien ġestit minn ibnu Amodeo Buontempo, anqas jekk dan kien tassew il-fatt.

Dwar l-ilment l-ieħor fuq imsemmi ta' l-appellant fis-

sens illi l-kalkolu ta' profit ta' żewġ liri (£2) kul jum kien eżaġerat, il-Qorti jidhrilha illi fuq il-provi disponibbli l-ewwel Onorabbli Qorti kienet ġustfikata li tagħmlu. Rigward stabbiliment ieħor ta' fotografija, wkoll f'Casal Pawla li fih kien f'dak iż-żmien soċju Giuseppe Ciancio ma' Francis Attard, dan Francis Attard xehed illi fl-epoka li kien hawn l-Eight Army il-profitti kienu bejn tletin (£30) u erbgħin lira (£40) fil-ġimgħa għal kull wieħed u qatt inqas minn għaxar liri (£10). Fiż-żmien approssimativament korrispondenti għal dak issa in kwistjoni, meta Attard kien allura assoċja ruħu ma ċertu Agius, hu qal illi l-profitti naqsu ħafna; iżda kienu jvarjaw bejn ħmistax (£15) u għoxrin (£20) lira fil-ġimgħa. Għalhekk, anki jekk wieħed jaħseb, kif ġie suġġerit minn Amodeo Buontempo, illi n-negozju ta' Attard u Agius kien iktar florida u kellu iktar xogħol, ma jidherx illi medja ta' profitti ta' seba liri (£7) fil-ġimgħa, għall kull wieħed fin-negozju ta' l-appellant u Ciancio hi eżaġerata.

Min dan il-profitt l-ewwel Onorabbli Qorti ġustament iddeduċiet l-ispiża li dehrilha li kienet rikjesta biex flok Giuseppe Ciancio, jiġi impjegat Tekniku. L-appellant jilmenta minn dan għax jgħid illi ebda tekniku fil-fatt ma ġie impjegat u n-negozju baqa ġestit biss minn Amadeo Buontempo. Iżda manifestament ma jmissx proprju lill-appellant li jilmenta minn din id-deduzzjoni magħmula favur tiegħu. Jekk stess ma ġiex impjegat tekniku barrani hu evidenti illi biex l-istabbiliment sata jibqa attivat u jirrendi profitti kienet indispensabbli l-opra ta' xi ħadd biex jagħmel ix-xogħol li qabel kien jagħmel Giuseppe Ciancio. Il-kontribuzzjoni li Ciancio kien jagħmel fl-assoċjazzjoni kienet biss, kif jidher mill-provi, l-industrija tiegħu bħala espert fotografu, apparti minn l-użu ta' xi għodod u equipment li hu jidher li kien ikkontribwixxa. Kienet dik l-in-

dustrija li kienet tipproduċi l-profitti li fuqhom ġie bażat il-kalkolu. Il-lokal bħala bini u l-arredi tiegħu jidhru li kienu għal kollox ta' l-appellant. Jekk stess — kif ġie ritenut — l-appellati għaż-żmien in kwistjoni kien baqgħalhom dritt għan-nofs il-profitti, huma ma jistgħux ġustament jiġu eżentati min-nofs l-ispiża li kienet neċessarja biex xi ħadd ieħor, hu min hu jagħmel ix-xogħol li qabel kien jagħmel Giuseppe Ciancio. Din il-Qorti anzi tħoss illi r-rata ta' tlett liri u nofs (£3.10.0) fil-ġimgħa kalkolata mill-ewwel Onorabbli Qorti għas-sostituzzjoni ta' bniedem espert bħal ma kien Giuseppe Ciancio, li sata jippresta l-istess opra biex in-negozju sata jkompli jagħmel l-istess qliegħ, hi baxxa. Dik ir-rata ġiet kalkolata fuq dak li xehed Anthony Blackman. Dan ix-xhud pero qal illi Giuseppe Ciancio kien ħadem miegħu għal ġimgħa biss f'Diċembru 1946 u anki f'dik il-ġimgħa falla mix-xogħol u għal dik il-ġimgħa ħallsu tlett liri u nofs (£3.10.0).

Il-Qorti taħseb illi tekniku tajjeb, li jaħdem regolarment, ma kontx fl-1948-1951 tista tħaddmu b'inqas minn, ugħidu aħna ħames liri (£5) fil-ġimgħa, u din hi r-rata li din il-Qorti jidhrilha li għandha tiġi mnaqqsa. Meta jsiru l-kalkoli b'din ir-rata, l-ispiża li trid tonqos għaż-żmien in kwistjoni tkun ta' seba mija u ħamsa u disgħin lira (£795) u l-profitt nett ikun ta' elf erba' mija u disa' u għoxrin lira (£1429) u n-nofs tiegħu dovut lill-appellati jkun ta' seba' mija u erbatax-il-lira u nofs (£714.10.0).

Fl-aħħarnett, dwar il-meritu, l-appellant jissottometti illi mis-somma likwidata favur l-appellati għandu, fi kwalunkwe każ, jitnaqqas l-ammont ta' elf lira (£1000) li tiegħu Giuseppe Ciancio kien debitur lejh skond it-termini talkitba ta' l-assoċjazzjoni. Din il-Qorti pero ma jidhriliex li tista takkolji din is-sottomissjoni ta' l-appellant, f'din il-

kawża. Din, kif intqal, hi limitata għall-likwidazzjoni ta' l-ammont dovut lill-appellati għall-ġestjoni bejn l-1948 u 1951, bħala sehemhom mill-profitti realizzati f'dak iż-żmien. L-allegat debitu ta' elf lira (£1,000) hu kontestat mill-appellati u dwaru ma saru ebda provi f'din il-kawża u l-anqas m'hemm ebda deċiżżjoni fuqu f'xi kawża oħra ġa deċiża. Għalhekk ma jistax jiġi kompensat f'din il-kawża: l-unika ħaġa li tista ssir — u li l-Qorti qiegħda tagħmel hi riżerva favur l-appellant għar-rigward tiegħu jekk jidhrilu li għandu dritt għalih.

Tibqa biss il-kwistjoni ta' l-ispejjeż. L-appellant jissottometti illi in kwantu l-ispejjeż jiġu intaxxati fuq l-ammont ta elfejn, seba mija u sittin lira (£2760) pretiż mill-appellati, għalkemm fiċ-ċitazzjoni huma talbu, alternattivament, kwalunke ammont ieħor verjuri li jiġi likwidat mill-Qorti, dawk l-ispejjeż messhom ġew akkollati, kif il-Qrati tagħna aktarx dejjem jagħmlu meta jkun hemm diskrepanza kbira bejn l-ammont mitlub fl-ewwel lok u dak li jiġi fil-fatt likwidat, skond ir-reħħ u t-telf rispettiv.

Din il-Qorti taħseb illi dan l-ilment mhux inġustifikat. L-ammont wisq akbar li talbu fl-ewwel lok l-appellati kien dovut, mhux tant għall-fatt illi huma kienu kostretti li jagħmlu xi kalkolu una volta li l-appellant kien naqas mill-obbligu tiegħu li jirrendi l-kont. Kieku kien hekk, kif fit-trattazzjoni ssottomettew l-appellati; kieku l-Qorti ma kienetx tħoss li tista tagħtihom tort wisq. Iżda dan ma kienx il-każ, għaliex, infatti, l-kalkolu ta' lira (£1) kulljum li huma għamlu ġie fill-fatt addottat mill-Qorti salva biss id-deduzzjoni ta' l-ispiża fuq imsemmija. Iżda l-ammont mitlub mill-appellati kien kbir għaliex huma ikkalkolaw perijodu ta' żmien wisq itwal minn dak li għalih kienu intitolati li jitolbu l-kont skond is-sentenza ta' din il-Qorti tal-

għoxrin ta' Jannar 1956. Difatti huma ppretendew rendikont, u kwindi sehemhom tal-profitti għall-perijodu mit-tmienja u għoxrin ta' Mejju 1948 sa l-għoxrin ta' Jannar 1954 mentri, kif irriteniet ġustament is-sentenza appellata, il-perijodu kellu jkun sat-tmienja ta' Ġunju 1951. Għall-ispejjeż inkorsi minħabba dan l-eċċess da parti ta' l-appellati, il-Qorti ma jidhriliex li għandu ragonevolment jinżamm risponsabbli l-appellant.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċiedi billi, fuq il-meritu tiċħad l-appell tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu laqgħat it-tieni u t-tielet talba ta' l-appellati iżda b'dana illi l-ammont ta' tmin mija u tmintax il-lira u nofs (£818.10.0) iffissat mill-ewwel Onorabbli Qorti għandu jiġi ridott għal seba mija u erbatax il-lira u nofs (£714.10.0) u f'dan is-sens biss is-sentenza appellata tiġi riformata.

L-ispejjeż tant ta' prim' istanza kemm ta' l-appell jitħallsu skond ir-rebħ u t-telf rispettiv.